MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 1186/2009

Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)

vs

Carmelo u Eve mizzewgin Farrugia
(I.D. Nri. 371967(M) u 319973(M))

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat ppresentat mill-bank attur fit-30 ta' Novembru, 2009, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fil-kuntratti datati fl-24 ta' Gunju 2003 u fil-15 ta' Mejju 2006 in atti Nutar Dottor Mario Bugeja (Dok 'A' u 'B') is-socjeta' attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil Carmelo u Eve mizzewgin Farrugia;

2. Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici ta' Carmelo u Eve mizzewgin Farrugia fis-somma ta' mija u erbgha u disghin elf, mitejn u tnejn u ghoxrin Ewro u tletin centezmu (€194,222.30) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' Carmelo u Eve mizzewgin Farrugia mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "C1 sa C4", "D1 sa D3", u "E1 sa E3") flimkien ma l-imghax ulterjuri mill-31 ta' Ottubru 2009 sad-data ta' l-effettiv pagament;

3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti fuq imsemmija (u hawn esebiti bhala Dokument "A u B") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Carmelo u Eve mizzewgin Farrugia;

(a) naqsu milli jhallsu il-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratti, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Carmelo u Eve mizzewgin Farrugia li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.

4. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment

5. Illi l-konvenuti Carmelo u Eve mizzewgin Farrugia gwe interpellati permezz ta' ittra ufficjali datata fil-11 ta' April 2008 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok "F", sabiex jithallas d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Talab wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, li l-konvenuti jghidu ghaliex il-Qorti m'ghandhiex tilqa it-talbiet tas-socjeta' attrici li qeda hawn titlob:

1. Tiddikjara u Tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti fuq imsemmija (u hawn esebit bhala Dokument "A u B") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Carmelo u Eve mizzewgin Farrugia (a) naqsu milli jhallsu il-pagamenti dovuti lis-

socjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratti, (b) kienu inadempjenti f’obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess Carmelo u Eve mizzewgin Farrugia li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita’ tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta’ attrici.

2. Tikkundanna lil Carmelo u Eve mizzewgin Farrugia ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u erbgha u disghin elf, mitejn u tnejn u ghoxrin Ewro u tletin centezmu (€194,222.30) bilanc ghad-debitu fil-“Loan Accounts” ta’ Carmelo u Eve mizzewgin Farrugia mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok “C1 sa C4”, “D1 sa D3”, u “E1 sa E3”) flimkien ma l-imghax ulterjuri mill-31 ta’ Ottubru 2009 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata fil-11 ta’ April, 2008 kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda ta’ l-Bank attur;

Rat in-nota tal-konvenut Carmelo Farrugia ipprezentata waqt is-seduta tat-13 ta’ April, 2010 li permezz taghha ammetta it-talbiet kif dedotti fir-rikors guramentat;

Rat illi ir-rikors guramentat gie debitament notifikat lill-konvenuta li naqset li tipprezenta risposta guramentata u b’hekk baqghet kontumaci;

Ezaminat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti u mill-ammissjoni tal-konvenut Carmelo Farrugia it-talbiet dedotti fir-rikors guramentat jirrizultaw ippruvati;

Fil-kontumacja tal-konvenuta Eve Farrugia u fuq ammissjoni tal-konvenut Carmelo Farrugia, tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet attrici kif dedotti fir-rikors guramentat u ghalhekk tikkundanna lill-konvenuti Carmelo u Eve mizzewgin Farrugia ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u erbgha u disghin elf, mitejn u tnejn u ghoxrin Ewro

u tletin centezmu (€194,222.30) bilanc ghad-debitu fil-“Loan Accounts” ta’ Carmelo u Eve mizzewgin Farrugia mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok “C1 sa C4”, “D1 sa D3”, u “E1 sa E3”) flimkien ma l-imghax ulterjuri mill-31 ta’ Ottubru 2009 sad-data ta’ l-effettiv pagament; Bl-ispejjez kif mitluba u bl-imghax kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------